# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 231 / 11RGM

Kawza fil-lista: 16

**A *sive* B C**
**vs**
**D C illum E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Awissu 1999 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg tfal u cioe` Michaela li twieldet fis-27 ta' Marzu 2006 u Matthew, li twieled fis-26 ta' Marzu 2008 u kwindi t-tnejn ghadhom minorenni.

Illi minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi dapparti tal-konvenuta, iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment.

Illi f'Ottubru 2010 il-konvenuta qabdet u telqet mid-dar matrimonjali tal-partijiet minghajr il-kunsens tal-esponent u minghajr xi awtorizazzjoni tal-Qorti u hadet maghha liz-zewg uliedhom minuri u anke rrifjutat tinforma tal-esponent dwar fejn marret toqghod bit-tfal sakemm giet ordnata minn din l-istess Qorti sabiex tizvela l-indirizz residenzjali taghha. Inoltre b'arroganza kbira u pura vendikazzjoni hija ppruvat iccahhad lill-esponent minn kwalsiasi access ghall-ulliedu u qaltlu li seta jarahom biss wara ordni tal-Qorti. Minhabba f'hekk l-esponent spicca li ghal perjodu konsiderevoli jmur jara lit-tfal bis-serqa fl-iskola fejn imorru u appena l-

konvenuta ndunat b'dan ippruvat anke thedded lil principali tal-iskola li ser taqlaghlha l-inkwiet jekk tibqa thalli dan isir.

Illi l-espnonent sar jaf li l-konvenuta qabdet relazzjoni ma' ragel iehor u inoltre qed tesponi kontinwament lill-uliedu, li ghadhom ta' eta` tenera, ghal dan ir-ragel.

Illi certament l-agir tal-konvenuta qed jirreka dannu psikologiku lit-tfal u l-esponent jissottometti li jkun fl-ahjar interess taghhom li huma jigu fdati fil-kura u kustodja tieghu. L-esponent, li jahdem mal-gvern bhala Assistant Principal fid-Dipartiment tal-ezamijiet gja vverifika li jkun jista jahdem reduced hours biex ikun jista jiehu hsieb ta' uliedu.

Illi minhabba t-tortijiet imputabbli lill-martu ghat-tkissir taz-zwieg, l-esponent jirritjeni li hija tilfet id-dritt li tesigi manteniment minghand zewgha.

Illi mill-banda l-ohra, jekk it-tfal jkunu fdati fil-kura u kustodja tal-esponent, il-konvenuta, li ghandha wkoll impjieg mal-gvern, ghandha tigi obbligata li tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tfal minuri.

Illi l-esponent jixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom ghandha tigi xolta u likwidata b'mod li jittiehed kont, f'tali likwidazzjoni, tal-konsegwenzi derivanti mit-tortijiet tal-konvenuta li wasslu ghat-tkissir taz-zwieg.

Illi inoltre l-esponent ukoll jitlob li l-beni parafemali tieghu jigu lilu restitwiti.

RAGUNI TAT-TALBA

Peress illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-7 ta' Awissu 1999 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg tfal u cioe` Michaela li twieldet fis-27 ta' Marzu 2006 u Matthew li twieled fis-26 ta' Marzu 2008 u kwindi t-tnejn ghadhom minorenni;

Peress illi minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenuta, il-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibbli;

Peress illi minhabba t-tortijiet imputabbli lill-konvenuta hija iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand l-attur u fi kwalunkwe kaz ghandha mezzi sufficjenti biex tmantni lilha nnifisha;

Peress illi huwa fl-ahjar interess tat-tfal minuri li dawn jigu fdati fil-kura u kustodja tal-attur;

Peress illi l-konvenuta ghandha impjieg mal-gvern bhala Assistant Principal bi qliegh sufficjenti li jrendiha obbligata li thallas manteniment lill-attur ghaz-zewg uliedhom minuri;

Peress illi l-attur jixtieq ukoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta u likwidata u l-beni parafernali u dotali tieghu jigu lilu restitwiti;

Peress illi l-attur jinsab awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' Digriet nurmu 870/2011 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Mejju 2011.

TALBIET

Illi tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba t-tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenuta.

Tafda f'idejn l-attur l-kura u kustodja legali taz-zewg uliedhom Michaela u Matthew ahwa C.

Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur manteniment xieraq skond il-ligi ghaz-zewg uliedhom minuri fuq imsemmija bil-modalita` ta' jum, hin u lok li jigu ukoll iffissati.

Tiddikjara l-konvenuta bhala li ddekadiet mid-drittjiet kontemplati fl-artikoli 48(1)(a), (b) u (d) tal-Kodici Civili.

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bl-applikazzjoni kontra l-konvenuta tal-artikoli 48(1) (c) u 51 tal-Kodici Civili.

Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lill-attur il-beni parafernali tieghu u fin-nuqqas tigi kkundannata thallas l-valur stabbilit ta' l-istess oggetti bin-nomina okkorrendo ta' periti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Preliminarjament ir-rispondenti tinvoka l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* in vista tal-fati illi hija diga pprocediet qabel l-attur odjern b'kawza ta' separazzjoni

fl-ismijiet, D C pro et noe vs A sive B C, (Rikors Guramentat Numru 22l/11NC) li tinsab appuntata ghall-1 ta' Dicembru 2011.

2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici (ghajr ghat-talba li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux minhabba tortijiet imputabbli lill-eccipjenti kif qed jippretendi u jitlob l-attur), ghandhom jigu michuda ghaliex huma legalment u fattwalment infondati jew insostenibbli stante, inter alia illi –

i) fir-realta, huwa l-attur u mhux ir-rispondenti li huwa hati ghall-firda ta' bejn il-partijiet u t-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju, sevizzi, ingurji gravi, eccessi u mohqrija minn perpetrati ghad-dannu u d-detriment tal-istess rispondenti;

ii) il-kura u kustodja tal-ulied minuri m'ghandheix tigi affidata lill-attur izda lir-rispondenti ghar-ragunijiet izjed 'il fuq spjegati;

iii) ir-rispondenti m'ghandha ebda tort jew htija li twassal ghad-dekadenza mid-dritt taghha li titlob il-hlas ta' manteniment minghand l-attur ghalkemm, f'dan l-istadju tali dritt (ghalkemm mhux qed jigi rinunzjat ghall-finijiet u l-effetti tal-ligi) mhux qed jigi pretiz;

iv) fl-assenzjazzoni tal-porzjonijiet rizultanti mid-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti m'ghandhomx jigu applikati fil-konfront tar-rispondenti l-effetti tal-artikoli 48 (l)(c) u 51 tal-Kodici Civili stante li, kif diga mtenni, fir-realta' huwa l-attur u mhux ir-rispondenti li huwa hati ghall-firda ta' bejn il-partijiet u t-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju sevizzi, ingurji gravi, eccessi u mohqrija minnu perpetrati ghad-dannu u d-detriment tal-istess rispondenti.

3. Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota guramentata tal-atturipprezentata fit-8 ta' Awissu 2011;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2012 fejn il-partijiet qablu li l-provi migbura f'din il-kawza jitqiesu ukoll bhala provi migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 221/2011 NC; u b'Digriet moghti 'seduta stante' fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2012 il-Qorti ordnat il-konnessjoni taz-zewg kawzi;

Rat id-digriet tat-22 ta' Novembru 2012 fejn il-Qorti laqghet r-rikors konguntiv tal-partijiet dwar il-modalita' tal-access tal-attur ghall-uliedu fil-vaganzi tal-Milied;

Rat in-nota tal-konvenuta fejn iddikjarat li riedet tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe' E, pprezentata fit-22 ta' Novembru 2012;

Rat id-digriet moghti fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2014 fejn giet nominata l-Psikologa Carmen Sammut biex tassisti lill-Perit Legali Dottor Ludvic Caruana u li kellha taghmel r-rakkommandazzjonijiet taghha jekk il-minuri kellhomx bzonn terapija;

Rat id-digriet moghti fis-27 ta' Marzu 2014 fejn gie nominat t-Terapista Daniel Mercieca biex jipprovdi sessjonijiet ta' terapija mal-minuri Matthew u giet nominata l-Psikoterapista Marica Busietta biex tipprovdi sessjonijiet ta' terapija mal-minuri Michaela;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2016 fejn il-Qorti giet infurmata li z-zwieg ta' bejn il-partijiet gie annullat u giet revokata n-nomina tal-Perit Legali;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet ipprezentata fit-2 ta' Gunju 2116 fejn qablu li d-dar matrimonjali ghandha valur ta' €260,000;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2017 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Din il-kawza nstemghet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi, Rikors numru 221/2011 RGM li ukoll qed tigi deciza llum u li fiha saret ampja referenza ghax-xhieda prodotti mill-partijiet, saru konsiderazzjonijiet legali dettaljati fil-mertu, u a skans ta' ripetizzjonijiet inutli u biex tigi assikurata l-konsistenza qed issir referenza ghall-konkluzjonijiet hemm milhuqa, li huma wkoll applikabbli ghal din il-kawza.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi u konsistentement ma' dak deciz fil-kawza fl-ismijiet inversi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddeciedi l-eccezzjonijiet tal-konvenut konformament ma' dawk hawn decizi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tar-raba' talba tal-attur peress li fil-mori tal-kawza z-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null b'decizjoni definittiva tat-Tribunali Ekklesjaztiku;

2. Tichad it-tieni u t-tielet talba tal-attur;

3. Tilqa' parzjalment il-hames talba tal-attur bil-mod kif deciz taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti" fis-sentenza fl-ismijiet inversi pronunzjata kontestwalment;

4. Tichad is-sitt talba tal-attur;

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**